MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Numru. 166/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**vs.**

**Paul Pantalleresco**

**Illum 14 ta' Frar, 2014**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra:

**Paul Pantalleresco,** ta' 55 sena, iben Domenic u Hilda nee' Bugeja, mwieled Pieta' fit-3 ta' Dicembru, 1958, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 795958M u residenti gewwa 5 Lesco, Triq il-Qattara, Mqabba:

Akkuzat talli:

Fi Frar 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, gewwa diversi nhawi fil-gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiskru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jhew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, dan l-istess ufficjal jew impjegat fil-fatt naqas li gjaheml dak li hu fid-dmir tieghu li jghamel;

Talli fl-istess perjodu, bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-ligi;

Talli fl-istess perjodu, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titolu, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu;

Talli fl-istess perjodu b'mezz kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ghall-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-korporazjoni Enemalta;

Talli fl-istess perjkodu bi hsara ta' haddiehor ghamel qliegh iehor b'qerq ghall-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering u tipprocedi sabiex minnufih taghmel ordni temporanja ta' iffirzar tal-assi tal-imsemmija Paul Pantalleresco.

F'kaz ta' htija, l-Qorti giet mitluba, li wara li tinforma ruhha minn fatti specifici, u tkun ghal kollox konvinta li l-proprjeta' in kwistjoni tkun inkisbet minn attivita kriminali, din il-proprjeta' tigi konfiskata.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti.

Rat il-Ligi, partikolarment l-Artikoli 18, 112, 115, 127, 308, 309, 23(A)(2), 23(C), 17(H) u 119.

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat fuq l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli partijiet.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi u fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha lilu imputabbli u qieghda tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) kif ukoll qieghda tohroglu interdizzjoni generali perpetwa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------